MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 374/2012

**Appell Nru. 374/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Pierre Grech)**
**Vs**
**Ninian Mangion**

**Illum 3 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 354387 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Frar 2006 u matul it-tlitt xhur qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) ittraffika, biegh, qasam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy)

minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif emendati.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Lulju 2012, li biha, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u r-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22/1985, u l-artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, fil-waqt li sabet lill-appellat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet (a) u (c) migjuba kontrih u lliberatu minnhom, sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjoni (b) migjuba kontra tieghu, izda fi-dawl tal-konsiderazzjonijiet u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'

Malta, l-Qorti qeghdet lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation anness, u li ghandu jifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.
Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahd mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.
Il-Qorti ordnat li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.
Il-Qorti astjeniet milli tiddeciedi t-talba tal-prosekuzzjoni ghall-hlas ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi l-ebda espert ma gie mahtur f’dawn il-proceduri.
Il-Qorti ordnat li d-droga esebita tigi distrutta taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 ta’ Lulju 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat hati tat-tieni akkuza migjuba kontrih u tirrevokaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat imputat minn l-ewwel u t-tielet akkuzi u minflok issibu hati ta’ dawn l-akkuzi u tinfliggi piena idoneja mill-gdid.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :-
Minkejja li l-Onorabbli Qorti kienet konvinta bla dubju dettat mir-raguni li l-appellat imputat kien hati tar-reati kollha migjuba kontrih, illiberat lill-appellat imputat erronjament mill-ewwel u t-tielet akkuza.

Illi bl-akbar rispett saret sitwazzjoni assurda meta nghidu li ghandha stat ta’ fatt fejn hija evidenti li ghandna konfessjoni u kaz fejn jimmerita sejbien ta’ htija imma fl-istess nifs nghidu li ha nilliberaw imputat fuq teknikalita

meta dawk iz-zminijiet il-pulizija ma kellhomx opportunita` li juzaw mezzi u procedura ulterjuri stante li l-procedura in vigore dak iz-zmien kienet differenti minn tal-lum minkejja li z-zewg proceduri huma t-tnejn legalment validi ghal zmien taghhom.

Illi l-legislatur u l-Parlament qatt ma kellhom l-ebda skop jew interess li kwalunkwe ligi sservi bhala detriment sabiex ssir il-gustizzja u certament immur kontra s-sens ta' demokrazija li jkun hemm "over interpretation" ta' x'inhuma drittijiet fundamentali skond l-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni u ngebduhom tali mod u manjiera fejn tfajna l-gudikatura fi stat fejn ma jistghux jiggudikaw fuq dak li huwa car daqs il-kristal u npogguhom fi stat ta' impossibilita sabiex jiggudikaw fejn hemm konfessjoni cara.

Illi l-artikoli 658 tal-Kodici Kriminali jghid :
*Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista` tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda f'theddid jew b'biza`, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi.*

Bid-dovut rigward, dan l-artikolu ghadu jinsab fil-Kodici Kriminali Malti u s'issa ma giex dikjarat inkostituzzjonali. L-enfazi ta' din il-ligi semplici u ordinarja hija li konfessjoni, maghmula ma min u fejn maghmula, dment li tkun maghmula skond dan l-artikolu, ghandu jkollha s-sahha ta' prova favur jew kontra dak li jkun ghamilha.

Is-sentenza Salduz v Turkey mill-Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem qajmet furur fil-Qrati Maltin tant li bid-dovut rispett, l-esponent jemmen li bosta mill-Qrati taghna qeghdin awtomatikament iwarrbu l-istqarrijiet minghajr ma jaghmlu apprezzament akkurat tal-partikolaritajiet ta' kull kaz.

Illi tajjeb, ghalhekk li wiehed janalizza d-differenzi bejn il-kaz odjern u l-kaz ta' Salduz v Turkey li qed jintuza bhala

"yardstick" sabiex il-Qrati Maltin jassiguraw li d-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq jigi osservat.

Illi fil-kaz odjern l-imputat appellat ghamel konfessjoni liberament. Kien ben konsapevoli minn dak li kien qed jaghmel, ma kienx minuri, indifiz u vulnerabbli bhalma kien Yusuf Salduz. Il-minorenni Salduz kien trattat b'mod hazin waqt l-interogazzjoni u kien imgieghel jirrillazza stqarrija f'kuntest ta' reati ta' natura politika b'konnessjoni terroristika.

Illi l-Ewwel Qorti fil-kaz odjern skartat kompletament l-istqarrija rilaxxat mill-imputat appellat, maghmula quddiem il-pulizija, in kwantu li setghu kienu vjolattivi tad-drittijiet tal-bniedem. Bil-fatt li ma sfilzathomx izda warbithom, il-Qorti rrendithom xhieda inammissibbli – minghajr ma qiest li, l-imputat appellat *di lora sponte volonta* wara li nghata t-twissija mill-pulizija li jistghu jaghzlu li jibqa sieket, iddecida bir-rieda hielsa tieghu li jirrellata l-verzjoni tieghu tal-fatti. Ifisser bilfors li allura din il-konfessjoni – kienet maghmula kontra l-Ligi? Kienet tmur kontra d-drittijiet ta' smiegh xieraq? Kienet ghalhekk inammissibbli jew skartabbli bhala prova?

Illi l-esponent jissottometti illi certament il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali qatt ma qalet li jekk persuna ma kienitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni allura bilfors hemm lezjoni ta' smiegh xieraq, ghaliex huwa wkoll principju tal-istess Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li Qorti m'ghandix thares biss lejn procedura wahda in isolazzjoni imma ghandha tikkunsidra t-totalita` tal-provi u proceduri penali biex jigi assigurat li l-artikolu 6, hekk kif sancit fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikun osservat.

Illi fis-sentenza Al-Khawaja and Tahery v The United Kingdom li nghata tlett snin wara li nghatat dik ta' Salduz, il-qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fil-formazzjoni tal-Grand Chamber ma sabet l-ebda lezjoni tal-artikolu 6 meta stqarrija giet ammessa f'guri. Din il-Qorti fl-ghola formazzjoni taghha sostniet li stqarrija ma tistax tittiehed f'izolament u titqies bhala l-binarju

konklussiv ta’ guri ngust, l-istqarrija hija biss fattur importanti fuq il-bilanc tal-provi flimkien ma salvagwardji procedurali ohra.

Illi fis-sentenza Doorson v The Netherlands, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tghid li l-ammissibbilita ta’ evidenza tibqa` primarjament kwistjoni ta’ ligi domestika.

Illi l-fatt li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet l-konfessjoni jurina li minflok il-gustizzja hija suprem, kif ghandu jkun, saret skjav ghat-teknikalitajiet li mmorru bla dubju ta’ xejn kontra d-drittijiet fundamentali tal-vittmi kif ukoll tal-Pulizija meta jinvestigaw u kontra l-logika wara l-intendiment tal-ligi.

Illi konfessjoni libera, fejn l-istess appellat imputat qatt ma stqarr mod iehor hija dejjem suprem, iktar u iktar tenut kont tal-fatt li hawnhekk ghandha stqarrija legalment valida li ttiehdet minghajr ebda theddid, weghdiet, promessi jew vantaggi.  Illi din l-ammissjoni hija kkoroborata max-xhieda tal-kaz.  Illi tant il-konfessjoni kienet legalment valida li l-istess appellat imputat qatt ma talab il-prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u l-volontarjeta tal-istqarrija esebita.

Illi ma kien hemm ebda irregolaritajiet meta ttiehdet l-istqarrija u l-ligi in vigore dak iz-zmien kienet tipprovdi bizzejjed “safeguards” sabiex tassigura li l-appellat imputat kellu kull dritt li ma iwegibx u li ma jiffirmax l-istqarrija.

Illi fil-kaz Carmel Camilleri against Malta fejn l-Onorabbli Qorti cahdet i-talba ta’ Carmel Camilleri li l-procedura fit-tehid ta’ l-istqarrija ma kienitx valida, stqarret :
*The Court does not accept the applicant’s submission that the decision of the Court of Magistrates to convict him solely on the strength of the impeached statement in reality curtailed his defence rights.*

Illi in vista ta’ dawn il-punti kif hawn dedotti upprezentati mill-prosekuzzjoni u li ghad irrid issiru fit-trattazzjoni ta’

dan l-appell, bid-dovut rispett l-esponent ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha provi bizzejjed a bazi ta’ liema ssib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontrih peress illi ma kienx jissussisti n-nuqqas tal-principju fondamentali tad-dubbju raggjonevoli.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-12 ta’ Frar, 2006 l-appellat inqabad diehel fi stabbiliment tad-divertiment b’borza tal-plastic bi trab illegali kokaina u tal-pjanta kannabis. Gie arrestat u fit-12 ta’ Frar, 2006 irrilaxxja stqarrija (fol 19) fejn ammetta illi kien jiehu l-kokaina u jpejjep il-kannabis. Filwaqt illi huwa innega illi qatt biegh id-droga ammetta illi gie li ta informazzjoni u ghen sabiex din id-droga tigi akkwistata minn terzi. Fit-tieni stqarrija rilaxxata fil-23 ta’ Frar, 2006 l-appellat irtira l-ammissjoni li ghamel fl-ewwel stqarrija tieghu u qal illi ammetta kollox ghax haseb illi kien se jiehu lura l-flus li kienu gew sekwestrati mill-pulizija dak inhar illi nqabad bid-droga. Sadanittant fil-mori ta’ din il-kawza, l-Qorti Kostituzzjonali tat diversi Sentenzi dwar il-purtata ta’ prova ta’ stqarrija mehuda minghajr ma jkun gie moghti d-dritt ta’ assistenza ta’ avukat u d-difiza talbet l-isfilz ta’ l-istqarrija peress illi dak iz-zmien illi ttiehdu ma kienx gie moghti dan id-dritt ghax legalment ma kienx possibli illi jinghata.

B’digriet tal-Qorti tal-Magistrati tas-7 ta’ Lulju, 2011 il-Qorti kkowata l-kawzi Il-Pulizija vs Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Ezron Pullicino u Il-Pulizija vs Mark Lombardi u cahdet talba ghall-isfilz ta’ l-istqarrijiet pero’ qalet, *“.....ghandha tixtar il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenzata’ l-imputat tigi esklussivament stabbilita mill-provi mhux inkwinati minhabba li jelledu d-dritt ta’ smieh xieraq u li l-ewwel stqarrija ma jkollha l-ebda nfluwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta’ dawn il-proceduri.”* Din il-konkluzjoni hija konformi mad-dettami tal-gurisprudenza moghtija mit-tliet Sentenzi fuq imsemmija. Ma sar l-ebda appell minn dan id-digriet. Sa certu punt din il-Qorti mhijiex qieghda ticcensura l-Avukat Generali talli ma sarx appell minn dan id-digriet,. Dan ‘il ghaliex bhala digriet interlokutorju li ma jwaqqafx l-

andament tal-kawza, l-Avukat Generali jew l-imputat setghu kieku riedu jappellaw fl-ahhar mis-Sentenza. Pero'dan id-digriet kellu portata serja hafna ghal prosegwiment tal-kawza peress illi d-difiza naturalment organizzat u ppreparat id-difiza taghha a bazi tad-digriet fejn allura ma gabitx provi dwar l-istqarrija moghtija mill-akkuzat.

Il-kawza tkompliet u meta waslet ghas-Sentenza, sena wara fl-4 ta' Lulju, 2012 il-Qorti tal-Magistrati segwiet il-linja gwida illi kienet taghat permezz tad-digriet precidenti u qalet *"Din l-ewwel stqarrija ttiehdet fi zmien meta l-Ligi Maltija ma kienetx tippermetti assistenza legali qabel isir l-inerrogatorju, u konsegwentement din l-istqarrija ma jista jkollha l-ebda nfluwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali ghaliex tittiehed bi ksur tad-dritt ta' smieh xieraq ta' l-imputat, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropeja, u dan kif gie elaborat aktar fid-dettal fid-digriet ta'din il-Qorti f'dawn il-proceduri tas-7 ta' Lulju, 2011. Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata minn din il-Qorti."* Din il-konkluzjoni kienet legalment korretta fiz-zmien illi nghatat u l-ewwel Qorti meta qieset illi l-prosekuzzjoni serhet il-kaz taghha kontra l-appellat fuq l-ewwel stqarrija deherilha illi ma kienx hemm provi ghal dak li jirrigwardja l-akkuza ntestata 'A' u l-akkuza ntestata 'C'. Pero' sabitu hati ta' l-akkuza ntestata 'B' u qegheditu taht ordni ta' probation ghal zmien tliet snin minn dak inhar bil-kondizzjoni kontenuti fl-ordni tal-probation.

L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell ghax dehrlu illi l-ewwel Qorti ma kelliex tillibera lill-appellat mill-akkuzi ntestati 'A' u 'C' meta dawn kienu ammessi mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu. Fil-frattemp bil-mori ta' dan l-appell il-Qorti Kostituzzjonali bidlet l-insenjament moghti mit-tliet Sentenzi fuq imsemmija u fil-kawza fl-ismijiet Charles Stephen Muscat vs Attoreny General deciza fit-8 ta' Ottubru, 2012 qalet fost affarijiet ohra, "*għalhekk, li trid tagħmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm:*

*li għandha tagħmel din il-Qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall- ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur instab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur."* U aktar 'il quddiem *"l-Imħallef togat ghandu jwissi lill ġuratibil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi 'l oħra, u illi l-Imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda …… li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'tehdid."*

Aktar ricenti nghatat decizjoni fil-kawza Il-Pulizija vs Paul Cutajar Appell Inferjuri (Ghawdex) tat-18 ta' Gunju, 2013 fejn il-Qorti qalet *"dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Ganni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrelevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija."*

Illum il-pozizzjoni hija cara u dana huwa l-insenjament illi l-Qrati ghadhom isegwu fejn jirrizulta illi l-istqarrija ttiehdet fi zmien meta ma kienx gie moghti d-dritt ta' assistenza legali fil-bidu nett ta' l-arrest tal-persuna. Pero' l-ewwel Qorti ma kelliex dan l-insenjament quddiemha meta tat is-Sentenza taghha fl-4 ta' Lulju, 2012 u l-argumenti u l-konkluzjonijiet taghha kienu korretti fl-isfont tal-gurisprudenza vicenti dak iz-zmien. Bid-digriet tas-7 ta' Lulju, 2011 il-Qorti tat linji gwida illi rabtu kemm lilha, kemm lid-difiza u kemm lill-prosekuzzjoni u l-kawza tkompliet fuq dawk il-binari. Giet deciza wkoll dawk il-linji gwida. Jekk din il-Qorti ssegwi l-insenjament illi nghata sussegwentement ghad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti tkun qieghda litteralment "*shifting the goal post*" favur il-prosekuzjoni, peress illi d-difiza ma kellha l-ebda opportunita tipprepara ruhha in vista ta' dan l-insenjament

ricenti u bbazat id-difiza taghha skont kif indirizzat il-Qorti bid-digriet tas-7 ta' Lulju, 2011.
Ikkunsidrat.

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra t-talba tal-Avukat Generali ghar-riforma tas-sentenza appellata, jkun gust u ekwu li l-Qorti terga tiftah il-kawza ghat-trattazzjoni u, jekk ikun il-kaz, ghal provi limitatament ghall-effetti tal-istqarrija f'dan il-kaz biex b'hekk kemm il-prosekuzzjoni u d-difiza jkollhom l-opportunita` li jaghmlu re-evalwazzjoni tal-provi bl-istqarrija bhala parti integrali taghhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------